

5) Operatur tal-logħob tal-ażżard li ngħata liċenzja sabie x jopera ċertu attività ta' logħob tal-ażżard fi Stat u li huwa sorveljat mill-awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż huwa intitolat li jikkummerċjalizza l-prodotti tiegħu tal-logħob tal-ażżard fi Stati Membri oħra, per eżempju, permezz ta' reklami f'gazzetti, mingħajr ma japplika minn qabel għal liċenzja mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati? Jekk tingħata risposta affermativa għal din id-domanda, ir-regoli ta' Stat Membru li jkunu bbażati fuq l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali fuq il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fil-lotteriji organizzati barra mill-pajjiż għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jikkostitwixxu ostakolu għal-libertà ta' stabbiliment u għall-libertà li jiġu pprovduti servizzi li ma jista' qatt ikun iġġustifikat minn raġunijiet imperattiva ta' interess ġenerali? Il-kwistjoni ta' jekk l-Istat Membru li fih huwa stabbilit l-operatur jinvokax jew le l-istess raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bħal dawk tal-pajjiż li fih l-operatur jixtieq jikkummerċjalizza l-attività tiegħu ta' logħob tal-ażżard, hija rilevanti għar-risposta għall-ewwel domanda?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Svea hovrätt, l-Iżvezja fit-13 ta' Ottubru 2008 — Otto Sjöberg vs Åklagaren**

(Kawża C-448/08)

(2008/C 327/29)

Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż

**Qorti tar-rinviju**

Svea hovrätt

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Appellant: Otto Sjöberg

Appellata: Åklagaren

**Domandi preliminari**

- 1) F'ċertu ċirkustanzi, diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fi swieq nazzjonali ta' logħob tal-ażżard u lotteriji tista' tkun iġġustifikata minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali?
- 2) Jekk jeżistu numru ta' għanijiet segwiti mill-politika restrittiva adottata f'suq nazzjonali ta' logħob tal-ażżard u lotteriji u wieħed minnhom huwa l-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali, dan jista' jitqies bħala aspett pożittiv inkidental, konsewgenza ta' din il-politika restrittiva? Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, il-politika restrittiva li qed tiġi segwita tista' tkun aċċettabbli jekk l-għan tal-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali ma jistax jitqies bħala l-għan prinċipali tal-politika restrittiva?
- 3) L-Istat jista' jinvoka raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bħala ġustifikazzjoni għal politika restrittiva tal-logħob tal-ażżard jekk kumpanniji kkontrollati mill-Istat jikkummerċjalizzaw l-logħob tal-ażżard u l-lotteriji, li l-qliegħ tagħhom imur f'idejn l-Istat, u wieħed mill-għanijiet ta' din il-kum-

merċjalizzazzjoni huwa l-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali? Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, il-politika restrittiva li qed tiġi segwita tista' tkun, madankollu, aċċettabbli jekk jiġi deċiż li l-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali mhuwiex l-għan prinċipali tal-kummerċjalizzazzjoni?

- 4) Projbizzjoni totali fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard u lotteriji organizzati fi Stat Membru ieħor minn kumpannija tal-logħob tal-ażżard stabbilita hemmhekk u sorveljata mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru tista' tkun proporzjonali mal-għan ta' sorveljanza u ta' monitoraġġ tal-attività tal-logħob tal-ażżard, meta fl-istess ħin m'hemmx restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard u lotteriji organizzati minn kumpannija tal-logħob tal-ażżard stabbiliti fi Stat Membru li jadotta l-politika restrittiva? X'inhi r-risposta għad-domanda jekk l-għan tat-tali arranġament huwa dak li jiġi limitat il-logħob tal-ażżard?
- 5) Operatur tal-logħob tal-ażżard li ngħata liċenzja sabie x jopera ċertu attività ta' logħob tal-ażżard fi Stat u li huwa sorveljat mill-awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż huwa intitolat li jikkummerċjalizza l-prodotti tiegħu tal-logħob tal-ażżard fi Stati Membri oħra, per eżempju, permezz ta' reklami f'gazzetti, mingħajr ma japplika minn qabel għal liċenzja mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati? Jekk tingħata risposta affermativa għal din id-domanda, ir-regoli ta' Stat Membru li jkunu bbażati fuq l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali fuq il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fil-lotteriji organizzati barra mill-pajjiż għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jikkostitwixxu ostakolu għal-libertà ta' stabbiliment u għall-libertà li jiġu pprovduti servizzi li ma jista' qatt ikun iġġustifikat minn raġunijiet imperattiva ta' interess ġenerali? Il-kwistjoni ta' jekk l-Istat Membru li fih huwa stabbilit l-operatur jinvokax jew le l-istess raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bħal dawk tal-pajjiż li fih l-operatur jixtieq jikkummerċjalizza l-attività tiegħu ta' logħob tal-ażżard, hija rilevanti għar-risposta għall-ewwel domanda?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulis tis epikrateias (il-Greċja) fis-17 ta' Ottubru 2008 — Panagiotis Ioannis Karanikolas, Valsamis Daravanis, Georgios Kouvoukliotis, Panagiotis Ntolou, Dimitrios Z. Parisis, Konstantinos Emmanouil, Ioannis Anasoglou, Pantelis A. Beis, Dimitrios Chatziandreou, Ioannis A. Zaragkoulis, Triantafyllos K. Mavrogiannis, Sotirios Th. Liotakis, Vasileios Karampasis, Dimitrios Melissidis, Ioannis V. Kleovoulos, Dimitrios I. Patsakos, Theodoros Fournarakis, Dimitrios K. Dimitrakopoulos u Synetairismos Paraktion Alieon Kavalas vs Ypourgos Agrotikis Anaptyxis kai Trofimon u Nomarchiaki Aftodioikisi Dramas-Kavalas-Xanthis**

(Kawża C-453/08)

(2008/C 327/30)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

**Qorti tar-rinviju**

Symvoulis tis epikrateias (il-Greċja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Panagiotis I. Karanikolas, Valsamis Daravanis, Georgios Kouvoukliotis, Panagiotis Ntolou, Dimitrios Z. Parisi, Konstantinos Emmanouil, Ioannis Anasoglou, Pantelis A. Beis, Dimitrios Chatziandreu, Ioannis A. Zaragkoulias, Triantafyllos K. Mavrogiannis, Sotirios Th. Liotakis, Vasileios Karampasis, Dimitrios Melissidis, Ioannis V. Kleovoulos, Dimitrios I. Patsakos, Theodoros Fournarakis, Dimitrios K. Dimitrakopoulos u Synetairismos Paraktion Alieon Kavalas.

*Konvenuti:* Ypourgos Agrotikis Anaptyxis kai Trofimon u Nomarchiaki Aftodioikisi Dramas-Kavalas-Xanthis.

*Intervenjenti:* Alieftikos Agrotikos Sinetairismos gri-gri nomou Kavalas "Makedonia" u Panellinia Enosi Plioktiton Mesis Aliias (P.E.P.M.A.)

**Domandi preliminari**

- 1) Skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1626/94, Stat Membru, jista' jadotta miżuri supplementari li jikkonsistu fil-projbizzjoni assoluta ta' attrezza tas-sajd, li l-użu tiegħu, fil-prinċipju, huwa awtorizzat skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament?
- 2) Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1626/1994, fiż-żona marittima ta' Stat Membru b'kosta fil-mediterran, jista' jintuża attrezza tas-sajd mhux inkluż fost dak li hu indikat b'hal, fil-prinċipju, ipprobit fl-Artikoli 2(3) u 3(1) u (1a) ta' dan ir-regolament u li l-użu tiegħu kien ġie pprobit qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament minn dispożizzjoni nazzjonali?

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża**

(Kawża C-458/08)

(2008/C 327/31)

*Lingwa tal-kawża:* Il-Portugiż**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Traversa u P. Guerra u Andrade, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

**Talbiet**

- tiddikjara li billi imponiet, fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' kostruzzjoni fil-Portugall, l-istess rekwiżiti li timponi fir-rigward tal-istabbiliment, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 KE.
- tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-liġi Portugiża għall-aċċess u l-kontinwazzjoni fl-attività tal-kostruzzjoni (Digriet-Liġi Nru 12/2004) titlob il-ħtieġa ta' liċenzja għall-eżerċizzju tal-attività ta' kostruzzjoni fil-Portugall.

L-ebda impriża, mingħajr eċċezzjoni, tista' twettaq, fil-Portugall, xogħol ta' kostruzzjoni, rikostruzzjoni, estensjoni, alterazzjoni, riparazzjoni, konservazzjoni, rijabilitazzjoni, tindif, restawr, demolizzjoni u, b'mod ġenerali, kwalunkwe xogħol relatat mal-kostruzzjoni mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel mill-Amministrazzjoni Portugiża.

Il-liġi tal-kompetizzjoni Portugiża li tipprojbixxi lill-impriżi, fosthom l-impriżi Komunitarji, milli jipprovdut servizzi ta' kostruzzjoni fil-Portugall mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel għall-aċċess fl-industrija tal-kostruzzjoni mogħtija mill-Amministrazzjoni Portugiża, tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 49 KE.

Ir-rekwiżiti għall-aċċess fl-attività tal-kostruzzjoni, hekk kif ipprovduti fil-liġi Portugiża, huma rekwiżiti ta' stabbiliment. Il-liġi Portugiża ma tagħmilx distinzjoni bejn stabbiliment u provvista ta' servizzi ta' natura temporanja.

Sabiex tipprovdut servizzi fil-Portugall, impriża ta' kostruzzjoni stabbilita fi Stat Membru ieħor hija obligata tissodisfa r-rekwiżiti kollha neċessarji għall-istabbiliment, li prattikament ifisser li l-istess impriża ta' kostruzzjoni ma jkollhiex soluzzjoni oħra ħliet li tistabbilixxi ruħha fil-Portugall. Din il-ħtieġa tipprekludi serjament il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Ir-rekwiżiti tal-kontinwazzjoni fl-attività jikkostitwixxu wkoll min-naħa tagħhom restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi billi l-provvista ta' servizzi ta' kostruzzjoni ta' natura temporanja ma tkunx possibbli.

Il-motivi invokati mill-Istat Portugiż sabiex jiġġustifika r-restrizzjonijiet inkwistjoni mhumiex sostnuti minn elementi ta' prova u mhumiex fondati.

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika**

(Kawża C-460/08)

(2008/C 327/32)

*Lingwa tal-kawża:* Il-Grieg**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Rozet u D. Triantafyllou)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika